MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru 45/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Jonathan Taliana**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Jonathan Taliana ta’ 21 sena bin Michael u Josephine nee’ Grima, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Jannar 1986 u residenti 112 Flar 5, Triq San Guzepp, Valletta u

detentur tal-karta tal-identita' numru 313586 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fit-2 ta' Dicembru 2007 fuq il-monti tal-Belt Valletta ffalsifika jew biddel, monghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom inidikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe' numru ta' DVD'S u loghob tal-kompjuter, ai termini ta' l-artikolu 298 (1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, ai termini, ai termini ta' l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Jannar 2008 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat (esebita *a folio 4* tal-process), l-fatt li huwa m'ghadux jahdem f'dan ix-xoghol u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Wara li rat l-Artikolu 298 (1), 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikommettix reat iehor sa zmien sena (1) mil-llum.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta l-Qorti tordna ukoll l-konfiska u d-distruzzjoni tad-DVD's elevati mill-pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------